MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 537/2003/1

**Brian Theuma**

**v.**

**Chris Cachia f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Distinct Conversions Limited**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza tas-socjeta` D Limited gia` Distinct Group Limited u qabel Distinct Conversions Limited (C-17785) minn decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Ottubru 2004 li permezz taghha laqghet l-ewwel talba, kif dedotta, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba peress li kienet intempestiva, u lliberat lill-konvenut Chris Cachia personalment mill-osservanza tal-gudizzju, laqghet in parte t-tielet u r-raba’ talba attrici u kkundannat biss lis-socjeta` konvenuta Distinct Conversions Limited thallas lill-attur is-somma ta’ Lm12,423.72, bilanc ta’ prezz tax-xoghlijiet esegwiti mill-attur fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta, u cahdet il-hames talba attrici.

L-ispejjez tal-kawza kellhom jithallsu mis-socjeta` konvenuta Distinct Conversions Limited.

**L-APPELL TAS-SOCJETA` D LIMITED GIA` DISTINCT GROUP LIMITED U QABEL DISTINCT CONVERSIONS LIMITED (C-17785)**

2.1. Minn din is-sentenza gie interpost appell biss mis-socjeta` D Limited, li qeghda tghid li qabel hija gia` kienet maghrufa bhala Distinct-Group Limited, u qabel dan bl-isem ta’ Distinct Conversions Limited (C-17755).

2.2. L-aggravju ewlieni ta’ din is-socjeta` hu dak li minkejja li, appena saret taf li hemm din il-kawza ghaddejja, hija talbet li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet tardivament, tali talba giet respinta, b’dan li l-Qorti ta’ l-ewwel grad ghaddiet ghas-sentenza billi ddikjarat lill-konvenuti proprio et nomine bhala kontumaci, strahet biss fuq il-provi attrici u finalment tat is-sentenza li dwarha qieghed isir dana l-appell.

2.3. Il-pern ta’ l-aggravju huwa li s-socjeta` appellanti qeghda tikkontendi li kellha, u fil-fatt messha, giet ammessa biex tipprezenta l-eccezzjonijiet, provi u sottomissjonijiet taghha dwar il-kaz u dan peress li n-notifika ma kenitx wahda valida ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.

3. Minkejja li s-socjeta` appellanti taghmel sensiela ta' asserzjonijet – li ghad iridu jigu debitament konfermati kif jixraq – il-parti appellata ghazlet sempliciment li tirrimetti ruhha (!), bla ma lanqas interessaha twiegeb ghar-rikors ta' l-appell biex almenu toffri xi forma ta' risposta ghal dak li hemm allegat fl-istess rikors.

4. Din il-Qorti, wara li hadet kont tas-sottomissjonijiet li saru mis-socjeta` appellanti, thoss in-necessita` li qabel xejn jigu kkontrollati certi asserzjonijiet ta' fatt li ma jirrizultawx mill-atti. Per ezempju, is-socjeta` appellanti tallega li in data tal-10 ta' April 2002, jigifieri qabel id-data tal-prezentata tac-citazzjoni (2 ta' Gunju 2003), l-isem tas-socjeta` konvenuta gie mibdul u sar Distinct Group Limited. Tghid inoltre li, fil-mori tal-proceduri, jigifieri in data tal-31 ta' Ottubru 2003 sar tibdil iehor fl-isem b'dan li minn Distinct Group Limited saret D Limited. Is-socjeta` appellanti tissottometti wkoll li hija mhux biss uriet li kienet intenzjonata li tikkontesta t-talbiet attrici fil-konfront taghha imma wkoll li, hekk kif saret taf b'mod accidentali b'din il-kawza, hija kienet pronta tintavola t-talba taghha surreferita, li giet pero` ingustament respinta.

5. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ghal issa qeghda tordna li jinghataw il-kjarifikazzjonijiet segwenti:-
(1) li s-socjeta` appellanti ggib il-provi kollha a dispozizzjoni taghha in konferma tat-tibdiliet li sehhew fl-isem tas-socjeta` konvenuta bid-dati relattivi ta' meta dawn avveraw u dan fis-seduta li jmiss;

(2) li tindika x'kien l-indirizz jew indirizzi tar-"registered office" tas-socjeta` konvenuta appellanti kemm meta saret u sehhet in-notifika sija permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni, kif ukoll b'dik ta' l-affissjoni;

(3) jekk is-socjeta` konvenuta kellhiex jew le xi konnessjoni ma' l-indirizz "Il-Musbieh", no 2, Triq it-Torri, Qrendi; uĦ

(4) tispecifika meta, bhala data, hija giet edotta bil-fatt li kien hemm dawn il-proceduri "in corso".

Tordna fl-ahharnett li, prevja li *contrario imperio* qeghda tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza, is-socjeta` appellanti tikkonforma ruhha ma’ l-ordnijiet moghtija fil-korp ta’ dan il-provvediment u tiddifferixxi l-kawza ghal dan il-ghan.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------